GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tas-sittin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 11 ta' Awwissu 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.00 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 59**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Is-Sindku nforma li hu flimkien ma' l-Agent S.E. kien iffirma l-kuntratt mal-MEPA kif approvat. Huwa qal li t-*tender* ghax-xiri tal-fanali ser tinhareg dalwaqt filwaqt li ser inkellu lill-MSD dwar ix-xiri tal-bankijiet. Dawn dawn ghandu isir appuntament mal-MSD halli naraw x'tip ta'bankijiet ghandhom, kemm jiswew u meta dawn jitlestew.

**3.2** ***Para 3.2 – Torri tas-Semaforu :*** Is-Sindku nforma li ufficcjali tal-MEPA kienu saru t-torri pero sal-lum ghadna qed nistennew minghand il-MEPA. Gie ghalhekk deciz li nergghu inkellmuhom.

**3.3** ***Para 3.3 – Triq Santa Katerina:*** Is-Sindku informa li sa issa ma kien hemm l-ebda zvilupp min-naha tal-W.S.C. Gie deciz li l-Kunsill ikompli jsegwi mill-qrib. Is-Sindku qal li dwar dan id-dewmien hu kien kellem lis-Segretarju Parlamentari Chris Said kif ukoll baghatlu email.

**3.4** ***Para 3.6 – Fanali Dekorattivi:*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew il-*quotation* ghax-xoghol minghand George Vassallo.

**3.5** ***Para 3.7 – Management Letter u Audited Accounts:*** Is-Sindku informa li konna ghadna qed nistennew xi kjarifiki dwar l-*Audited Accounts* u nisperaw li dawn jissolvew din il-gimgha.

**3.6** ***Para 3.8 – Xoghlijiet fi Triq Kromb il-Bahar:*** L-Agent S.E. informa li l-*Enforcement Officer* kien zar il-post xi granet ilu izda sa llum konna ghadna qed nistennew ir-rapport tieghu dwar il-kaz. Gie unanimament deciz ukoll li l-Kunsill jigbed l-attenzjoni tal-

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


kuntrattur li qed juza access minn ghelieqi fi Triq Mons. L. Catania peress li x-xoghlijiet ma jidhirx li huma koperti b'permess tal-MEPA u qed jinholoq inkonvenjent lir-residenti ta' l-inhawi.

**3.7** ***Para 3.10 – Organizzazjoni ta'Attivitajiet :*** Il-Vici Sindku informa li hu ghad irid jaghmel laqgha mal-Kappillan dwar il-possibilita' li jigu organizzati attivitajiet flimkien mal-Parrocca.

**3.8** ***Para 3.13 – Festa San Bartilmew 2009*** : Is-Sindku nforma li minn imexxi VSB Radio kien talbu sabiex jaghmel uzu mill-*Bus Shelter* tal-Pjazza sabiex jittrassmetti minnu waqt il-gimgha tal-festa. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li l-Kunsill ma jilqax din it-talba minhabba ragunijiet logistici izda offra l-uzu ta'l-ufficini antiki tal-Kunsill fi Triq San Bartilmew. Huwa fakkar fil-laqgha mas-Supt. Zammit fl-24 t'Awwissu u qal li waqt din il-laqgha ghandu jigi diskuss it-traffiku ghal nhar il-festa. Huwa nforma wkoll li l-Kumitat Kongunt Trammuntana kien qed joffri s-servizz ta' gwardjani ghal nhar il-festa. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jaccetta din l-offerta sabiex zewg Gwardjani jkunu jistghu jassistu lil-Pulizija waqt ix-xoghol taghhom. Gie unanimament deciz ukoll li jinghata *sponsorship* ta' € 25 lill-Ghaqda tan-Nar sabiex tinxtara tazzi ghall-isparatura fuq il-plattini li ser tigi organizzata.

**3.9** ***Para 5.1 – Qurdien fix-Xwieki::*** Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien ha hsieb ibexx is-sit inkwistjoni.

**3.10** ***Para 5.4 – Parkegg fi Triq il-Kbira :*** Is-Sindku informa li matul dawn l-ahhar gimghatejn kienu dahlu xi talbiet godda kemm sabiex ma jsirx projbizzjoni ta' parkegg kif ukoll sabiex ma jithallix li jsir parkegg ft Triq il-Kbira. Gie unanimament deciz li ghalissa ma jsir xejn aktar.

**3.11** ***Para 5.6 – Tabella fi Pjazza tad-Dejma –*** Is-Sindku nforma li resident kien qala t-tabella li kien hemm fil-Pjazza tad-Dejma u kien gabha personalment il-Kunsill. Filwaqt li l-Kunsill ikkundanna dan l-agir, gie unanimament deciz li t-tabella terga titwahhal wara li tigi emendata sabiex il-parkegg ikun ipprojbit biss it-Tlieta u l-Gimgha. Dan bil-ghan li jintlahaq kompromess li ghandu jkun accettabbli ghal kulhadd.

**3.12** ***Para 6.3 – Kotba – Librerija Lokali :*** Il-Kunsillier P. Fenech informa li huwa kien attenda ghac-cerimonja fejn il-Kunsill kien inghata numru ta' kotba ghal-Librerija Lokali kif ukoll 2 *vouchers* ta' € 466 u € 100 rispettivament li ser jintuzaw sabiex jinxtraw aktar kotba ghall-Librerija Lokali.

**3.13** ***Para 6.4 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart*** : L-Agent S.E. informa li huwa kien attenda ghal sessjoni ta' nformazzjoni dwar is-suggett. Huwa qal li dan it-*tender* huwa ta' l-ewwel tax-xorta tieghu ghalina peress li jiehu inkonsiderazzjoni diversi fatturi kif ukoll hemm proceduri godda tal-ftuh ta' l-offerti li jaghtu drittijiet akbar lil min jitfa t-*tender* minbarra l-fatt li probabilment il-Kuntratt ikollu jigi ppubblikat ukoll fil-gazzetta ta' l-U.E. Fic-cirkostanzi huwa ssuggerixxa li l-kuntratt ezistenti man-Northern Co-Op jigi estiz sa l-ahhar ta' Dicembru 2009 sabiex jilhaq johrog il-kuntratt il-gdid. Dan gie approvat unanimament. Is-Sindku qal li dan il-kuntratt kien ser jigi diskuss waqt il-laqgha li jmiss tal-KKT sabiex tigi esplorata l-possibilita li tinhareg offerta wahda ghall-membri li bhalissa huma membri tal-KKT.

**3.14** **Para 6.5 – Kampanja ta' Tindif :** L-Agent S.E. informa li konna ikkonfermajna l-partecipazzjoni taghna f'din l-inzijattiva.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sa llum. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti kollha.

**4.2** L-Agent S.E. ipprezenta l-lista ta' l-infieq li saret mill-*Petty Cash* matul Lulju 2009. Din giet approvata unanimament.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Talba minn resident sabiex isir *Reserved Parking Bay* quddiem ir-residenza tieghu. Gie deciz li dan ir-residenti ghandu jigi infurmat sabiex japplika ghall-*Blue Sticker* skond il-proceduri normali u jekk jinstab li huwa gustifikat, jitlob li jsir ir-*Reserved Parking Bay* quddiem ir-residenza tieghu.

**5.3** Ilment dwar intiena li hierga minn ghalqa abbandunata fi Triq San Bartilmew. Is-Sindku nforma li dan l-ilment qed jigi segwit kemm mill-Pulizija kif ukoll mid-Dipt. tas-Sanita' peress li l-ghalqa hija wahda privata.

**5.4** Ittra minghand tabiba f'isem resident li joqghod Triq il-Kbira minhabba li allegatament qed jipparkjaw vetturi quddiem ir-residenza tieghu bil-konsegwenza li ma jkunx jista johrog mid-dar. Gie innotat li dan l-ilment mhux wiehed gustifikat peress li l-vetturi jipparkjaw faccata tar-resident u mhux direttament quddiem il-bieb tieghu.

**5.5** Ilment minn resident dwar hajt tas-sejjieh li allegatament twaqqa mill-klieb li hemm jiggerrew fl-inhawi tax-Xwieki. Gie deciz li dan l-ilment jigi nvestigat qabel tittiehed decizjoni fuqu.

**5.6** Talba minghand resident sabiex isiru *Double Yellow Lines* fi Triq Dun Karm Vella kantuniera ma' Triq 31 ta' Marzu peress li hemm vetturi li qed jipoparkjaw hemm bil-konsegwenza li ma jkunx jista johrog bil-vettura tieghu. Din it-talba ma gietx accettata peress li diga hemm *Double Yellow Lines* fuq il-post.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-7:35 pm filwaqt li l-Kunsillier P. Fenech halla l-laqgha fis-7:35 pm minhabba mpenji ohra***

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li ssir oggezzjoni ghall-permessi 7500/07, 6820/07 u 5670/07 peress li dan l-izvilupp qieghed barra miz-zona tal-bini.

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**6.2** Korrispondenza dwar inkonvenjent minn klieb fl-inhawi tax-Xwieki fejn gejna nfurmati li mhux possibli li dawn il-klieb jingabru kollha minhabba nuqqas ta’ spazju.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Korrispondenza minghand l-E.T.C. fejn gejna nfurmati li prezentament hemm 34 persuna residenti l-Gharghur li qed jirregistraw.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Artiklu li deher fil-gurnal It-Torca tal-Hadd li ghadda dwar zvilupp fil-Gharghur.

Din l-Artiklu gie innotata.

**6.5** Korrispondenza minghand il-GRTU fejn saret talba sabiex issir laqgha dwar il-*Green MT*.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Agent S.E. informa li din il-laqgha kienet ser issir nhar il-Hamis 13 t’Awwissu. Is-Sindku u il-Kunsillier A. Muscat informaw li huma kienu ser jattendu.

**6.6** Korrispondenza minghand il-Gharghur FC dwar attivita li ser issir fi Triq San Gwann fil-21 t’ Awwissu.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill johrog *No Objection*.

**6.7** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar laqgha ghall-Kunsillieri li ser issir fil-5 ta’ Settembru.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsillieri nteressati ntalbu jinfurmaw lill-Agent S.E. jekk ikunux ser jattendu jew le minhabba li jrid isir hlas ta’ € 40 ghal kull persuna.

**6.8** Korrispodnenza minghand is-Sinjorina L. Bezzina Wettinger bhala risposta ghall-ittra li nbghatet mill-Kunsill dwar *pots* vicin ir-residenza taghha fi Triq il-Kbira.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.9** Memo 44/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar il-ftuh ta’ l-ufficcini tal-Kunsill kull nhar ta’ Sibt.

Is-Sindku nforma li huwa kien kellem lill-iskrivani u dawn it-tnejn accettaw li jidhlu Sibt jahdem is-Sibt fuq bazi ta’ *roster* u li huma jixtiequ li jithallsu tas-sieghat mahduma bir-rata ta’ l-Overtime. Il-Kunsill unanimament qabel li jekk iridu l-iskrivani flok hlas jistghu jiehdu gurnata *off* mit-Tnejn sal-Gimgha u jidhlu jahdmu s-Sibt.

**6.10** Korrispondenza dwar il-Premju Anzjan tas-Sena.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li jekk ikun possibbli, jigi nominat il-Kunsillier A. Muscat ghall-hidma volontarja tieghu ma’ l-anzjani tar-rahal.

**6.11** Korrispondenza mill-MEUSAC dwar attivita li ser tittella fir-rahal bl-isem ta’ L-Ewropa fil-Pjazza fis-16 ta’ Settembru 2009.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.12** Korrispondenza minghand is-Supt. Zammit fejn saret talba sabiex issir laqgha mieghu fl-24 t' Awwissu.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsillier A. Muscat ikkonferma l-attendenza tieghu.

**7 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**7.1** Fuq parir ta' l-Agent S.E., gie unanimament approvat li *Fixed Assets* tal-Kunsill li l-valur taghhom ma jeccedix il-€ 50 ghandhom jigu *written-off* minflok li jibqghu *capitalised* fil-kotba finanzjarji tal-Kunsill.

**7.2** Is-Sindku nforma li s-Sur Ivan Mizzi mill-MFA kien gentilment offra li jghin lill-Kunsill bl-applikazzjoni sabiex isir *mini-pitch* fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki. Il-Kunsill unanimament approva li jipprova jibni dan il-*mini-pitch* u ghalhekk gie deciz li ssir applikazzjoni mal-MFA. Il-Kunsill unanimament irringrazzja lis-Sur Mizzi.

**7.3** Is-Sindku ta' dettalji tal-laqgha kordjali li kellna ma' l-Onor. Seg. Parlamentari Chris Said fejn fost ohrajn gew diskussi l-istaff tal-Kunsill, d-devoluzzjoni tas-*Searchlight Battery* u x-xelter, is-sejha l-gdida ghal gbir ta' l-iskart u l-isem tar-rahal.

**7.4** Is-Sindku nforma li l-basktijiet tax-xoqqa li kien ordna l-Kunsill issa waslu. Gie unanimament deciz li wara li tghaddi l-festa kull residenza fir-rahal tkun intitolata ghal basket minghajr hlas li jkun jista jingabar mill-ufficcju tal-Kunsill. Gie deciz li jinhargu avvizi dwar dan.

**7.5** Il-Kunsill unanimament qabel li l-Librerija Lokali tibda tiftah ukoll nhar ta' Sibt filghodu u dan bil-ghan li r-residenti jinghataw servizz ahjar. Gie unanimament deciz li jibdew tahdidiet dwar dan mal-Kap ta' l-Iskola Primarja u wara mal-Librara. Il-Kunsillier P. Fenech ser jiehu hsieb jikkoordina dawn il-laqghat.

**7.6** L-Agent S.E. ipprezenta rapport ta' laqgha li attendiet ghaliha l-iskrivana Josette Zarb f'isem il-Kunsill dwar id-diversi inizjattivi li ser jittiehdu mill-Gvern Centrali fil-futur qarib. Dan gie innotat.

**7.7** L-Agent S.E. nforma li l-gimgha l-ohra, resident li kien qed jinqeda mill-ufficcju tal-Kunsill aggredixxa verbalment skrivana u dan minghajr ebda provokazzjoni anzi l-iskrivana kienet qed tipprova taqdi lil din il-persuna. Il-Kunsill unanimament ikkundanna dan l-agir u qabel li jekk dan ir-residenti jerga jigi fl-ufficcju tal-Kunsill ghandu jitlob skuza lil l-iskrivana. Il-Kunsill qabel ukoll li kazi bhala dawn jekk jibqghu isiru ghandhom jigu irrapportati lill-Pulizija.

**7.8** Is-Sindku u l-Kunsillieri awguraw il-festa t-tajba lill-Kulhadd.

***Il-laqgha ntemmet fit-8.00 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghall-Erbgha 2 ta' Settembru 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **2 ta' Settembru 2009** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |